Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Novembru 2014
(OR. en)

15559/14

FREMP 206
COHOM 155
JAI 877
DROIPEN 133
SOC 784
JUSTCIV 293
COPEN 285

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	15558/14 FREMP 205 COHOM 154 JAI 876 DROIPEN 132 SOC 783 JUSTCIV 292 COPEN 284 14416/14 FREMP 174 JAI 783 DROIPEN 121 SOC 701 JUSTCIV 246 COHOM 143 COPEN 253
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal

I. INTRODUZZJONI

1. Il-grupp ta' ħidma tal-FREMP iddiskuta l-abbozz ta' konklużjonijiet dwar "Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal" fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Novembru 2014. Wara aktar konsultazzjoni bil-miktub mad-delegazzjonijiet, fl-Anness jinsab test ta' kompromess.

II. KONKLUŻJONI

2. Il-Coreper huwa mistieden jaqbel li l-abbozz ta' konklużjonijiet, kif imniżżel fl-Anness għal din in-nota, jiġi ppreżentat lill-Kunsill ĠAI fl-4-5 ta' Diċembru 2014 u l-Kunsill huwa mistieden jadotta l-abbozz ta' konklużjonijiet.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

WARA LI KKUNSIDRA l-promozzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal bħala wieħed mill-objettivi ġenerali tal-Unjoni Ewropea, kif iddikjarat fl-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) fejn skont dan, l-UE għandha tippromwovi l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, u fl-Artikolu 3(5) TUE li jistipula li fir-relazzjonijiet mad-dinja inġenerali, l-UE għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tat-tfal;

WAQT LI JFAKKAR li d-drittijiet tat-tfal huma ggarantiti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.[1] L-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jistabbilixxi l-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal bħala kunsiderazzjoni primarja fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, li t-tfal għandhom id-dritt għal tali protezzjoni u kura kif huwa meħtieġ għall-benesseri tagħhom, u li l-fehmiet tat-tfal għandhom jitqiesu f'materji li jirrigwardawhom skont l-età u l-maturità tagħhom. Tiggarantixxi wkoll lit-tfal id-dritt li jkollhom fuq bażi regolari relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri tagħhom, sakemm dan ma jmurx kontra l-interessi tat-tfal. Barra minn hekk, l-Artikolu 32 tal-Karta jipprojbixxi li t-tfal jaħdmu u jiggarantixxi protezzjoni taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol;

WAQT LI JIEĦU l-opportunità biex jiċċelebra l-25 Anniversarju mill-adozzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC)[2]. Il-prinċipji u l-istandards tal-UNCRC għandhom jibqgħu jiggwidaw il-linji politiċi u l-azzjonijiet tal-UE li għandhom impatt fuq id-drittijiet tat-tfal;

[1] Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ĠU C 83, 30.3.2010.
[2] Jinsabu fi: http://www.unicef.org/crc/.L-ewwel Protokoll Fakultattiv għall-UNCRC hu dwar l-involviment tat-tfal f'kunflitti armati; it-tieni Protokoll Fakultattiv jittratta l-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal; it-tielet Protokoll Fakultattiv huwa dwar proċedura ta' komunikazzjoni.

WAQT LI JIKKUNSIDRA l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà[3], fejn l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni teħtieġ li l-Istati Partijiet jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa mit-tfal b'diżabbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha fuq bażi ugwali ma' tfal oħra;

WAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja li jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tat-tfal;

WAQT LI JILQA' l-progress li nkiseb permezz tal-implimentazzjoni b'suċċess "tal-Aġenda tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal" (2011-2014)[4], li ddefinixxiet il-prinċipji u l-objettivi tal-UE f'dan il-qasam, bil-għan li tiżgura li l-linji politiċi kollha tal-UE li għandhom impatt fuq it-tfal jirrispettaw id-drittijiet tagħhom, u stabbilixxiet 11-il azzjoni konkreta għall-implimentazzjoni mill-Kummissjoni;

WAQT LI JIKKUNSIDRA l-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/93/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal[5]; id-Direttiva 2011/36/UE tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu[6]; id-Direttiva 2012/29/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi għad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità[7] u r-Regolament 606/2013 tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili[8];

---

3 Jinsab fi: http://www.ohchr.org/EN/HRBodies/CRPD/Pages/ConventionRightsPersonsWithDisabilities.aspx

4 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni “"Aġenda tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal", dok. 7226/11.

5 ĠU L 335, 17.12.2011. Corrigenda fil-ĠU L 18, 21.1.2012.

6 ĠU L 101, 15.4.2011.

7 ĠU L 315, 14.11.2012.

8 ĠU L 181, 29.6.2013.

WAQT LI JFAKKAR li f'Novembru 2013 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva dwar salvagwardji proċedurali għal tfal issuspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali[9] u li f'Lulju 2008 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali għal direttiva orizzontali nondiskriminatorja[10];

WAQT LI KKUNSIDRA l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26-27 ta' Ġunju 2014[11] li enfasizzaw il-bżonn li jitkomplew l-isforzi għat-tisħiħ ta' persuni akkużati u ssuspettati fi proċedimenti kriminali; biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-vittmi u biex jiġi eżaminat ir-rinforz tad-drittijiet tal-persuni, b'mod partikolari t-tfal, fi proċedimenti biex tkun faċilitata l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fil-liġi tal-familja u f'materji ċivili u kummerċjali b'implikazzjonijiet transkonfinali;

WAQT LI KKUNSIDRA l-impatt li l-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali għandhom fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, u d-data tal-EUROSTAT[12] li turi li t-tfal kienu f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali mill-adulti jew l-anzjani f'ħafna Stati Membri fl-2012 u WAQT LI JINNOTA li l-intervent u l-prevenzjoni bikrija huma essenzjali biex jiġu żviluppati linji politiċi aktar effettivi u effiċjenti kif ukoll li jnaqqsu l-ispejjeż[13];

WAQT LI KKUNSIDRA l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5-6 ta' Ġunju 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, fosthom il-mutilazzjoni ġenitali femminili[14];

---

9 Dok. 17633/13.
10 Dok. 11531/08.
11 Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-26/27 ta' Ġunju 2014, EUCO 79/14, il-para 11.l-entrata 11.
12 http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/People_at_risk_of_poverty_or_social_exclusion
13 Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/112/UE tal-20 ta' Frar Ninvestu fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ, ĠU L 59, 2.3.2013.
14 Dok. 9543/14.

WAQT LI JFAKKAR fil-proġett li qed jiġi żviluppat mill-Kummissjoni dwar it-tfal involuti f'proċedimenti ġudizzjarji kriminali, ċivili u amministrattivi u li għandu jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali dwar l-aċċess għall-ġustizzja u garanziji proċedurali li jkopru t-28 Stat Membru kollha[15];

WAQT LI JAPPREZZA r-riċerka tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fuq tfal li qed ifittxu l-asil u li mhumiex akkumpanjati u huma separati, tfal vittmi tat-traffikar, kustodja, aċċess għas-saħħa u l-edukazzjoni għal tfal bi status ta' migrazzjoni irregolari u oriġini Roma[16], u WAQT LI JISTENNA B'INTERESS il-pubblikazzjonijiet li jmiss tal-FRA dwar sistemi nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal, tfal b'diżabbiltà, u t-tfal u l-ġustizzja bbażati fuq il-ġbir ta' data u intervisti tal-prattikanti rigward is-sitwazzjoni tat-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili u kriminali[17];

WAQT LI JIRRIKONOXXI u JIKKUNSIDRA l-importanza tal-ħidma li saret minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-Kunsill tal-Ewropa u r-rwol ċentrali tagħhom fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal[18];

WAQT LI JIKKUNSIDRA l-ġurisprudenza dwar id-drittijiet tat-tfal żviluppati kemm mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) kif ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB);

JIMPENJA RUĦU LI:

1. iżomm dibattiti tematiċi dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fil-korpi preparatorji tal-Kunsill bħall-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP), il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM), jew gruppi ta' ħidma rilevanti oħra, jekk ikun meħtieġ.

---

15 Iktar informazzjoni fi http://ec.europa.eu/justice/fundamental-rights/rights-child/friendly-justice/index_en.htm.

16 Iktar informazzjoni fi http://fra.europa.eu/en/theme/rights-child?page=projects .

17 Iktar informazzjoni fi http://fra.europa.eu/en/project/2012/children-and-justice.

18 Ara, pereżempju, l-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tat-Tfal (2012-2015).

2. japplika b'mod konsistenti 'Linji gwida dwar passi metodoloġiċi li għandhom jittieħdu biex tiġi vverifikata l-kompatibbiltà tad-drittijiet fundamentali fil-korpi preparatorji tal-Kunsill'[19], biex jiġi żgurat li approċċ tad-drittijiet fundamentali jiġi applikat b'mod effettiv, inkluż fir-rigward ta' proposti relatati mad-drittijiet tat-tfal;

3. iżid il-viżibbiltà politika tar-rispett għad-drittijiet tat-tfal billi jimpenja ruħu fi djalogu regolari mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-politiki tal-UE li jaffettwaw lit-tfal;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

4. jiżguraw li l-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/93/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal[20]; id-Direttiva 2011/36/UE tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu[21] u d-Direttiva 2012/29/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi għad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità[22], tkun trasposta bis-sħiħ u b'mod rapidu fil-leġislazzjoni nazzjonali u implimentata fil-prattika;

5. jiżguraw fil-prattika li t-tfal kollha, ikunu protetti mid-diskriminazzjoni u jgawdu opportunitajiet indaqs sabiex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom;

---

19 "Linji gwida dwar il-passi metodoloġiċi li għandhom jittieħdu biex tiġi verifikata l-kompatibbiltà tad-drittijiet fundamentali fil-korpi preparatorji tal-Kunsill", dok. 10140/11. [meta jiġu approvati, tiġi aġġornata r-referenza biex tissemma l-verżjoni tal-2014].

20 ĠU L 335, 17.12.2011, ĠU L 335, 17.12.2011. Corrigenda fil-ĠU L 18, 21.1.2012. Id-Danimarka ma pparteċipatx fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha.

21 ĠU L 101, 15.4.2011, Id-Danimarka ma pparteċipatx fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha.

22 ĠU L 315, 14.11.2012, Id-Danimarka ma pparteċipatx fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha.

6. iżidu l-isforzi biex jiġi evitat il-faqar tat-tfal fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020 u t-trażmissjoni tal-iżvantaġġ trasversali billi jkun hemm fokus b'mod partikolari fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/112/UE "L-Investiment fit-tfal: Niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ"(2013)[23], b'mod partikolari permezz ta' miżuri li: jappoġġaw l-aċċess tal-ġenituri għal riżorsi adegwati fil-forma ta' impjieg bil-ħlas u benefiċċji ta' appoġġ għat-tfal u l-familja, appoġġ għall-aċċess ta' servizzi abbordabbli ta' kwalità (bħall-edukazzjoni u l-kura fit-tfulija) u mekkaniżmi ta' appoġġ li jippromwovu l-parteċipazzjoni tat-tfal fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw ħajjithom;

7. jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul)[24], li tirrikonoxxi li t-tfal jistgħu jkunu vittmi ta' vjolenza domestika u li tindirizza forom ta' vjolenza kontra n-nisa li jolqtu b'mod partikolari l-bniet, inkluża l-mutilazzjoni ġenitali femminili u ż-żwieġ furzat, u li tħeġġeġ lill-membri kollha tas-soċjetà, speċjalment l-irġiel u s-subien, biex jikkontribwixxu b'mod attiv fil-prevenzjoni ta' kull forma ta' vjolenza;

8. jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tat-tfal kontra l-isfruttament sesswali u l-Abbuż sesswali (il-Konvenzjoni ta' Lanzarote)[25], li tipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Partijiet għall-Konvenzjoni għandhom jieħdu l-miżuri leġislattivi neċessarji jew miżuri oħra biex jipprevjenu kull forma ta' esplojtazzjoni sesswali u l-abbuż sesswali tat-tfal u sabiex jiġu protetti t-tfal;

9. jikkunsidraw l-iffirmar u r-ratifika tat-tliet Protokolli Fakultattivi għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tat-Tfal: dwar l-involviment tat-tfal f'kunflitti armati; dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal u dwar il-proċedura ta' komunikazzjoni[26];

---

23 ĠU L 59, 2.3.2013.
24 http://www.coe.int/t/dghl/standardsetting/convention-violence/default_en.asp.
25 http://www.coe.int/t/dghl/standardsetting/children/default_en.asp.
26 Jinsab fi: http://www.unicef.org/crc/.

10. isaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ, rappurtar u ta' lment fir-rigward tad-drittijiet tat-tfal, fejn xieraq permezz ta’ istituzzjonijiet indipendenti favur il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f’konformità mal-Prinċipji ta’ Pariġi tan-NU u jagħmlu użu, kull fejn xieraq, minn analiżi u indikaturi rilevanti żviluppati mill-Kummissjoni Ewropea u l-FRA[27];

11. jiżviluppaw u jsaħħu l-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta’ data komprensiva u komparabbli dwar ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX:

12. jirrikonoxxu b'mod sħiħ lit-tfal bħala detenturi tad-drittijiet u biex jiżguraw ir-rispett għall-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal fil-politika kollha li taffettwa lit-tfal;

13. jimplimentaw b'mod effettiv id-dritt tat-tfal li jinstemgħu, li jiġu kkonsultati u li jipparteċipaw fil-kwistjonijiet kollha li jikkonċernawhom, b'mod partikolari billi t-tfal kollha jingħataw l-opportunità li jesprimu ruħhom u billi jiġi żgurat li dawk il-fehmiet jingħataw importanza xierqa skont l-età u l-maturità tagħhom;

14. jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw l-aċċess ugwali tat-tfal kollha, inklużi dawk f’sitwazzjonijiet vulnerabbli li jistgħu jkunu wkoll f’riskju ta’ diversi tipi ta’ diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, għal servizzi ta' kwalità ta’ edukazzjoni, akkomodazzjoni, saħħa u protezzjoni ;

15. jagħtu attenzjoni partikolari lill-minorenni mhux akkumpanjati li jemigraw u/jew huma fil-bżonn ta’ protezzjoni;

27 L-iżvilupp ta' indikaturi għall-protezzjoni, ir-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-Unjoni Ewropea, jinsab fi: http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/358-RightsofChild_summary-report_en.pdf; L-indikaturi tat-tfal fl-istudju tal-ġustizzja jinsabu fil-Masterlist fi www.childreninjudicialproceedings.eu.

16. iżidu l-isforzi biex jinħolqu sistemi ta' ġustizzja li tieħu ħsieb l-interessi tat-tfal u proċeduri sensittivi għat-tfal sabiex tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-korpi nazzjonali u jiġi ffaċilitat l-aċċess tat-tfal għall-ġustizzja;

17. jipprovdu jew isaħħu taħriġ adatt, appoġġ u gwida għal professjonisti rilevanti fil-qasam rispettiv tagħhom ta' kompetenza fir-rigward ta' tfal, waqt li jiffokaw b'mod partikolari fuq it-tisħiħ tal-ħiliet ta' komunikazzjoni mat-tfal fil-livell tagħhom ta' ftehim b'rispett tal-ħtiġijiet tagħhom, kif ukoll joffru lit-tfal infushom l-aċċess għal informazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, skont id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar it-Tagħlim u t-Taħriġ dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Programm Dinji ta' Edukazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

18. isaħħu l-kooperazzjoni transnazzjonali u jiskambjaw l-aħjar prattiki fil-ġbir tad-data, l-analiżi u d-disseminazzjoni sabiex jindirizzaw b'mod iktar effettiv każijiet ta' ħtif tat-tfal, tfal neqsin, ir-riunifikazzjoni tal-familja, u vittmi ta' traffikar**,** sfruttament sesswali u l-agħar forom ta' xogħol tat-tfal, u jipprevjenu u jiġġieldu t-turiżmu tas-sess tat-tfal fost l-oħrajn;

19. iżidu l-isforzi biex jiġi żgurat li tfal, inklużi tfal żvantaġġati u tfal b'diżabilità, ikunu jistgħu jgawdu minn teknoloġiji ġodda u l-internet filwaqt li s-sigurtà u l-protezzjoni tagħhom tiġi msaħħa;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

20. tiżviluppa Aġenda mġedda tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar;

21. tagħti prijorità lil miżuri ta' politika li jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal u li jgħinu lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-Programmi tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej maħsuba għal dan l-għan;

22. tippromwovi u tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' approċċ integrat għal sistemi ta' protezzjoni tat-tfal billi jiġu identifikati strumenti eżistenti u opportunitajiet għal interazzjoni fil-livell tal-UE li jistgħu jservu dan l-għan;

23. issaħħaħ il-koordinazzjoni mal-Istati Membri, fost oħrajn billi tassistihom bl-iskambju u l-iżvilupp tal-aħjar prattiki;

24. ittejjeb il-kooperazzjoni strateġika mal-partijiet ikkonċernati esterni (l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-akkademiċi u s-soċjetà ċivili kif ukoll pajjiżi sħab fejn rilevanti);

JISTIEDEN LILL-KORPI, L-UFFIĊĊJI U L-AĠENZIJI RILEVANTI TAL-UNJONI BIEX:

25. FRA, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), FRONTEX, Eurojust u Europol ikomplu bl-isforzi tagħhom fil-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal f'konformità mal-mandati u l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom;

26. jiġbru flimkien l-għarfien espert tagħhom, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom;

27. il-FRA, biex tiżviluppa aktar riċerka fl-oqsma tad-drittijiet tat-tfal permezz ta' stħarriġ fl-UE kollha dwar in-nondiskriminazzjoni u l-benessri tat-tfal, u dwar is-sitwazzjoni ta' gruppi partikolari fl-UE; f'dan il-kuntest, il-FRA għandha tkompli l-prattika tagħha abbażi tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea biex tinvolvi lit-tfal fir-riċerka tagħha, waqt li tikkunsidra l-aħjar interessi tat-tfal u f'konformità mad-dispożizzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali;

28. il-FRA, biex tkompli r-riċerka tagħha dwar tfal fi proċedimenti ġudizzjarji;

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI, LIR-RAPPREŻENTANT GĦOLI U LILL-KUMMISSJONI,

29. biex jiżguraw li l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet approvat mill-Kunsill fil-konklużjoni tiegħu ta' Mejju 2014[28] jieħu kont debitu tad-drittijiet tat-tfal u l-integrazzjoni tagħhom fil-politiki u l-azzjonijiet kollha tal-UE, kif mitlub ukoll fil-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp (2005), u l-Linji gwida tal-UE dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal (2008), waqt li t-titjib tal-kapaċità tal-atturi kollha rilevanti tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal hija wkoll prijorità;

30. biex jibqgħu determinati u jkomplu jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tat-tfal f'konformità mal-Qafas Strateġiku tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija[29];

31. biex, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, isaħħu l-appoġġ għall-pajjiżi sħab fil-ġlieda ta' kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal, fost oħrajn billi tiġi promossa r-riforma tal-liġi u tissaħħaħ il-kapaċità għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fil-livell nazzjonali, f'konformità mal-Linji gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-linji gwida tal-UE dwar it-tfal u l-konflitti armati[30];

32. biex jappoġġaw inizjattiva tas-soċjetà ċivili 'Sejħa għal Studju Globali dwar Tfal Mċaħħda mil-Libertà'[31] sabiex b'mod komprensiv tinġabar data u statistika minn diversi reġjuni dwar l-għadd u s-sitwazzjoni tat-tfal f'detenzjoni; jikkondividu l-prattiki t-tajba; u jifformulaw rakkomandazzjonijiet għal miżuri effettivi;

---

28 Dok. 9987/14.

29 Dok. 11855/12.

30 Disponibbli fuq http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cmsUpload/GuidelinesChildren.pdf

31 Disponibbli fuq: https://www.defenceforchildren.org/newsletter/special-newsletter/423-special-newsletter-call-for-a-global-study-on-children-deprived-of-liberty-april-2014.html

33. biex jibqgħu kompletament impenjati favur il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, inkluż permezz tad-djalogu politiku ma' stati terzi u biex jintensifikaw il-promozzjoni tar-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokolli Fakultattivi tagħha;

34. Biex jindirizzaw l-impatt fuq terminu qasir, medju u fit-tul ta' konflitt armat fuq it-tfal b'mod effettiv u komprensiv u, f'dan ir-rigward, biex ikomplu jappoġġaw u jikkooperaw ma' atturi rilevanti, inkluż billi jappoġġaw il-kampanja "Tfal, Mhux Suldati"[32] mibdija mir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għat-Tfal u l-Konflitt Armat u l-UNICEF, f'kollaborazzjoni ma' sħab oħra tan-NU, bil-għan li jintemm u jiġi prevenut r-reklutaġġ u l-użu tat-tfal mill-forzi tas-sigurtà nazzjonali f'kunflitt sal-2016;

35. biex jibqgħu impenjati b'mod sħiħ li jeqirdu l-agħar forom ta' tħaddim tat-tfal sal-2016; biex jimplimentaw b'mod sħiħ id-dokument dwar l-eżitu tat-Tielet Konferenza Globali dwar it-Tħaddim tat-Tfal li saret fi Brasilia mit-8 sal-10 ta' Ottubru 2013[33], u l-Pjan Direzzjonali għall-Kisba tal-Eliminazzjoni tal-Agħar Forom ta' Tħaddim tat-Tfal[34] sal- 2016, adottata fil-Konferenza Globali tal-Aja dwar it-Tħaddim tat-Tfal fl-2010;

36. biex jeliminaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra l-bniet u n-nisa u jieħdu miżuri sabiex jindirizzaw rwoli sterjotipati tas-sessi u preġudizzji oħra bbażati fuq l-idea ta' inferjorità jew superjorità ta' xi wieħed mis-sessi, u biex f'dan il-kuntest jintegraw perspettiva tas-sessi fil-politika u programmi kollha ta' żvilupp u tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk relatati mat-tfal u dawk speċifiċi għal tfal bniet[35];

---

32 https://childrenandarmedconflict.un.org/children-not-soldiers/

33 Disponibbli fuq: http://www.ilo.org/ipec/Campaignandadvocacy/BrasiliaConference/lang--en/index.htm

34 http://www.ilo.org/ipecinfo/product/viewProduct.do?productId=13453

35 Kif mitlub mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2012, ir-Riżoluzzjoni A/HRC/RES/19/37, 17a.

37. biex ikomplu jiżviluppaw u jsaħħu l-istrateġiji għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza kontra l-bniet, fosthom l-abbuż sesswali u prattiki konswetudinarji jew tradizzjonali li huma ta' ħsara, inkluż il-mutilazzjoni ġenitali femminili, iż-żwieġ, bejn it-tfal, bikri u dak furzat, billi jadottaw u jinforzaw leġislazzjoni u, fejn xieraq, billi jifformulaw pjanijiet programmi jew strateġiji nazzjonali komprensivi, multidixxiplinari u koordinati, li jipproteġi lill-bniet, kif ukoll billi jippromwovu inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u mobilizzazzjoni soċjali għall-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom[36] u l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem;

38. biex, f'konformità mal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, kontinwament iqajmu kuxjenza dwar l-importanza tar-reġistrazzjoni tat-twelid fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

---

[36] Kif mitlub mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2008, ir-Riżoluzzjoni A/HRC/7/L.34.Rev.1, 23b.